**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru: 261/2017 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 28**

**Mapfre Middlesea plc (C5553), Middlesea House, Floriana**

**U**

**Francois Lewis (ID 64279M), 44, Bonne Chance, Triq il-Qastan, Bahrija RBT 6033**

**Vs**

**Raphael Agius (ID 546473M) ezercitanti l-kummerc fl-isem RFL Towing Services, St Joseph, Ras il-Wied, Limiti tal-Wardija, San Pawl il-Bahar**

**U**

**Elmo Insurance Limited, Elmo, Abate Rigord Street, Tax-Xbiex XBX111**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat mill-atturi fl-24 ta' Mejju, 2017 li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' danni ammontanti ghal elf mitejn u hamsa u hamsin ewro u sittin centezmu (€1,255.60c) kawzati fuq dghajsa proprjeta' tar-rikorrenti Francis Lewis u assigurata taht polza t'assigurazzjoni mahruga mis-socjeta' rikorrenti Mapfre Middlesea

plc liema danni gew ikkawzati nhar l-21 ta' Settembru, 2013 fir-Rabat waqt li din kienet qed tingarr mill-intimat Raphael Agius bil-vettura tieghu RSL 146 liema vettura hija assigurata mis-socjeta' intimata Elmo Insurance Limited u ghal liema hsarat jahti unikament l-intimat Raphael Agius minhabba negligenza u traskuragni minn liema ammont l-attur Francois Lewis hallas l-ammont ta' tnejn u tmenin ewo u hamsin centezmu (€82.50c) bhala 'excess'.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta Elmo Insurance Limited a fol 10 li permezz taghha l-istess socjeta' eccepiet preliminarjament il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; li bla pregudizzju ghal premess u fil-mertu fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident is-socjeta' esponenti ghandha fil-pussess taghha bizzejjed evidenza sabiex tghid li ghalkemm fil-mument li sehh l-incident, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni RSL 146 kienet minnha assikurati, il-konvenut Raphael Agius kiser il-kundizzjonijiet tal-istess polza. Ghalhekk huwa prekluz milli jinvoka l-istess polza sabiex ikopri kwalsiasi obbligu tieghu naxxenti mill-imsemmi incident; li bla pregudizzju ghal premess, is-socjeta' esponenti tghid li jekk jirrizulta li unikament minhabba d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta hi tkun obbligata taghmel tajjeb versu l-atturi ghar-rigward tad-danni, imghax u spejjez fil-kaz li l-proceduri odjerni jkollhom ezitu sfavorevoli ghall-konvenut Raphael Agius, allura hija jkollha thallas lill-atturi salv id-dritt ta' rivalsa taghha kontra l-istess Raphael Agius ghal kull ma gie sborzat minnha; li minghajr pregudizzju ghal premess l-atturi jridu jgibu prova tal-htija ghall-incident awtomobilistiku de quo u tad-danni minnhom subiti liema prova tinkombi lilhom skont il-ligi; li ghaldaqstant u in vista tal-premess, m'hemmx lok ghal kundanna tas-socjeta' esponenti ghal hlas ta' danni favur l-atturi; salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta tal-konvenut l-iehor Raphael Agius a fol 14 li permezz taghha eccepixxa li preliminarjament t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; li minghand pregudizzju ghal premess u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra x-xhieda ta' Clive Cachia in rapprezentanza ta' Mapfre Middlesea plc li xehed li Francois Lewis kellu insurance policy u sar hlas ta' elf mitejn u sebghin ewro u hamsin

ewro (€1,270.50c) netti u excess ta' tnejn u tmenin ewro u hamsin centezmu (€82.50c) u mitejn ewro (€200) survey fees li rrikorrew mis-surveyor tad-dghajsa. Huwa pprezenta l-istima li hallsu fuqha u l-fee tas-surveyor.

A fol 31 et fix-xhieda tieghu Francois Lewis xehed li huwa ghandu dghajsa li dak iz-zmien kienet assigurata mal-Allcare Insurance Limited. F'Settembru mar biex itella d-dghajsa mill-bahar u fuq MaltaPark sab kumpanija li toffri servizz ta' towing bl-isem ta' Jeff's Towing li baghat lil konvenut fuq l-post. Il-konvenut Raphael Agius deher attrezzat u intiz fit-towing tad-dghajjes u kellu anke apparat biex itella d-dghajsa b'mod elettronika mill-bahar. Huwa tella d-dghajsa mill-bahar b'mod elettroniku u saq lejn l-Bahrija. Kif waslu fl-ahhar parti fejn tidhol il-Bahrija kien hemm qisu bump fit-triq u t-towbar iggiltjat minn mal-attachment u d-dghajsa marret wahedha fix-xaghri magenb it-triq. Huwa telaq ghax qal li kellu appuntament iehor u x-xhud gab il-warden u kellu jqabbad lil haddiehor biex johodlu d-dghajsa fil-garage u lil konvenut ma rahx aktar.

Ix-xhud kkonferma li thallas mill-insurance s-somma ta' elf u hamsin ewro (€1,050) plus l-excess tal-ispejjez li nkorra biex sewwa d-dghajsa ghand Henry Tabone.

In kontro-ezami huwa kkonferma li kien riekeb quddiem meta sar l-incident u ma rax l-incident kif sar u li t-tumbata fit-triq ma rahiex u li s-sewwieq cioe' l-konvenut kien qed isuq b'velocita' mhux ftit ghax kien qallu li kien mghaggel.

A fol 37 et (a fol 40 et rega gie prezentat l-istess affidavit) fl-affidavit tieghu l-konvenut Raphael Agius kkonferma li ilu joffri servizz ta' irmunkar ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. Fil-21 ta' Settembru, 2013 ghal habta tad-9.30am ircieva telefonata biex jirmonka d-dghajsa mix-Xemzija ghal Bahrija u hekk sar. Huwa assikura ruhu li faqqa s-safety lock u dan ifisser li bl-ebda mod m'ghandu jinqala' l-karru minn mal-bocca ghaliex huwa secure. Sid id-dghajsa rikeb mieghu fi truck u meta kienu fi triqithom lejn il-Bahrija u li skont hu ma kienx qed isuq aktar minn madwar hamsa u tletin (35) kilometru fis-seigha u kif waslu l-Bahrija hass skoss u dan minhabba hofra fit-triq skapulaha u minhabba l-karru huwa dejjaq ghadda minn fuqha. Mal-iskoss jew ahjar malli ibbouncjat id-dghajsa l-karru inqala' minn mal-bocca. Huwa jikkonferma li hekk kif inqala l-karru u d-dghajsa marru lejn il-genb tat-triq tant li qabzu ghal fuq il-gebel li hemm mal-genb tat-triq u s-sid kellu jgib high up biex itella' d-dghajsa minn hemm.

Huwa xehed li nizel mit-trukk biex jara setghux itellghu l-karru minn mal-gebel izda dan ma kienx possibbli.

Sid id-dghajsa staqsih x'gara u meta mar jispezzjona l-karru nnota li s-safety lock tal-karru kien ftit laxk u li skont hu dan ifisser li hemm cans li l-bocca ma tibqax issikkata mas-safety lock tal-karru. Huwa informa lis-sid b'dan izda ma kkummentax. Ghalih kollox kien sewwa u ma tqaccat xejn da parti tieghu.

Huwa ma setgha jaghmel xejn aktar u s-sid ma talbux biex jibqa fuq il-post anzi ftehmu li hekk kif jissetilja kollox icempillu sabiex ihallsu. Dan pero' ma ghamlux u baqa' sal-gurnata tal-lum ma thallasx.

Xi sena u nofs wara cempillu sid id-dghajsa dwar l-ispejjez u huwa staqsih x'kienu dawn l-ispejjez u mbaghad qallu biex ikellem lill-insurance tieghu ghax lanqas huwa ma kien ghadu thallas minghandu. Huwa cahad li kien mghaggel dakinhar u telaq minn fuq il-post ghax kellu xoghol iehor.

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2018 xehed George Stagno Navarra Court Representative ta' Elmo Insurance Limited u spjega li l-vettura li ghandha numru ta' registrazzjoni RSL 146 li kienet involuta f'incident fil-21 ta' Settembru, 2013 waqt li kienet qed tirmonka dghajsa kienet assigurata mal-Elmo pero' ma kellhiex 'tool of trade cover' u dan ghaliex huwa stess iddikjara fil-claim form 'insured was towing a boat'. Bit-'towing a boat' irid ikollok it-'tool of trade extension' u f'dan l-kaz il-polza ma kienetx estiza u pprezenta kopja tal-endorsement tal-policy li turi l-'exclusion tool of trade must used as a tool of trade'.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra

Ra minn dok JSM1 esebit minn George Stagno Navarro in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta jirrizulta car li minn Endorsement No 16 li "The Comprehensive Supplement of the Policy does not cover loss or damage to the motor vehicle while the motor vehicle or any plant forming part of or attached to it is being operated as a tool of trade."

Illi hija tal-misthija kif il-konvenut Raphael Agius li kkonferma bil-gurament li ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal tant snin minghajr il-polza tal-assikurazzjoni idonea ghall-attivita' kummercjali ta' towing li qed jezercita'.

Illi ghalhekk jirrizulta car li l-istess konvenut ma kienx kopert bl-assikurazjoni mis-socjeta' Elmo Insurance Limited u ghalhekk tali socjeta' ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghax ma tahti xejn ghall-incident mertu ta' din il-kawza.

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Raphael Agius ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta cioe' l-preskrizzjoni ta' sentejn. Issa l-incident gara fil-21 ta' Settembru, 2013 , Raphael Agius gie notifikat bil-kawza fit-12 ta' Gunju, 2017 u ghalhekk sentejn wara l-allegat incident. Izda hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li galadarba l-attur jaghmel dan is-servizz ta' towing u accetta li jaghmel dan is-servizz lil konvenut f'dak il-mument inholoq l-ftehim ta' appalt u relazzjoni kontrattwali bejn l-partijiet u ghalhekk l-eccezzjoni ta' sentejn ma tapplikax f'dan il-kaz u ghandha tigi michuda.

Illi dwar il-mertu jigi rilevat li "meta parti f'kuntratt tonqos li twettaq dak li ntrabtet bih, trid thallas lill-parti l-ohra d-danni. Hawnhekk jidhlu fis-sehh id-disposizzjonijiet tal-artikoli 1640(3), 1125 u 1135 tal-Kodici Civili. Illi jkun xieraq li wieħed iżomm quddiem għajnejh li ladarba d-danni mitluba huma ta' sura kuntrattwali, l-għan tagħhom irid ikun dak li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-parti li turi li batiet minħabba l-ksur kuntrattwali tal-parti l-oħra.

F'dan il-kaz id-danni sofferti mill-atturi jirrizulta car li gew kawzati mill-konvenut Raphael Agius meta kien qed jittowja d-dghajsa tal-attur Francois Lewis qawwija u shiha sal-Bahrija, haga li ma ghamilx u li ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni kagonati lill-atturi.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tal-atturi fil-konfront tas-socjeta' Elmo Insurance Limited u jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lil konvenut Raphael Agius ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u hamsa u hamsin ewro u sittin centemzu (€1,255.60c) bl-ispejjez kontra l-istess Raphael Agius inkluz dawk tas-socjeta' konvenuta tenut kont li kien huwa li qarraq lill-istess socjeta'

meta ma inxurjax l-vettura tieghu sabiex tkun koperta bl-attivita' kummercjali ta' towing li huwa jizvolgi.

It-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lil Association of Insurance Brokers ta' 171 Old Bakery Street Valletta, kif ukoll lill-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) ta' L-Imriehel sabiex dawn iz-zewg entitajiet jinvestigaw x'jista jsir sabiex jigi assigurat li kull vettura li taghmel attivita' kummercjali tkun koperta adegwatament.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**